A.L. 3 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science, taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 298 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Għażla tal-Applikanti

2. (1) Kull meta n-numru tal-istudenti li jkunu jistgħu jidħlu għal xi qasam jew għall-oqsma ta' studju kollha jkun limitat mis-Senat skond il-provvedimenti tal-ordinament 9 tal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health

Science, u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet fil-kors, l-għażla tal-applikanti għandha ssir skont il-kriterji mniżżlin fl-ordinament 3.

(2) L-applikanti għall-kors preparatorju li jwassal għad-Diploma in Health Science Nursing li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba sal-31 t'Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom ikunu kkunsidrati wara li tkun intemmet l-għażla tal-applikanti għall-grad ta' B.Sc. (Hons) fin-Nursing, sakemm li għal dawn tal-aħħar ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sal-istess data.

(3) L-applikanti għall-kors preparatorju li jwassal għad-Diploma in Health Science Nursing li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba wara l-eżamijiet reparatorji li jsiru fis-Settembru ta' qabel ma jibda l-kors għandhom ikunu kkunsidrati wara l-għażla tal-applikanti kollha għall-grad tal-B.Sc. (Hons) in Nursing, u wara li l-għażla tal-applikanti skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament tkun intemmet."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom inkisbu sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors ikunu kkunsidrati l-ewwel."